QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 25 TA' JANNAR 2002

Avviz Nru 1188/99DM

Paul Pace

vs

Francis Stivala f'ismu proprio ghan-nom u in rapprezentanza tal-Fondazzjoni NSTS International Students Travel Services u b'digriet tas-26 ta Ottubru 1999 giet kjamata in kawza is-socjeta' Falcon Tours Limited.

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas s-somma ta' hames mija u sitta u sebghin lira u tletin centezmu (LM576.30) dovuta lil ibnu minuri, Malcolm Pace, bhala bilanc tal-hlas ghas-servizz rezi minn Malcolm Pace lill-NSTS, fil-perijodu bejn l-24 ta' Gunju 1998 u l-31 ta' Awissu 1998 u dana kif dettaljat fid-dokument mmarkat Dok A;

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu u tas-16 ta' Lulju 1999

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Francis Stivala f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tal-fondazzjoni NSTS fejn eccipew illi:-

1 Huma m'humiex il-leggittimi kontradituri stante li Malcolm Pace iben l-attur, kien impjegat mas-socjeta Falcon Tours Limited fix-xhur ta' Lulju u Awissu 1998 u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-degriet taghha tas-26 ta Ottubru 1999 fejn giet ikkjamata in kawza lis-socjeta' Falcon Tours Limited.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Falcon Tours Limited fejn eccipew illi:-

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur nomine stante illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bit-talba tieghu ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Falcon Tours Limited, l-attur jirrikonoxxi illi ghandhu ukoll relazzjoni diretta mal-istess socjeta', almenu fejn jirrigwarda ghand minn kellhu jirrikorri ghall-hlas tal-paga.

Infatti jirrizulta mill-payslip esibit mill-istess attur illi l-hlas tal-paga kien isir lill-attur direttament mill-kjamati fil-kawza.

Dan pero' ma jimplikax bil-fors illi l-konvenut, kif imharrek, ma setghax ikollhu ebda relazzjoni mal-attur. Mill-provi anzi jirrizulta illi kien il-konvenut stess fuq karti intestati NSTS li kien ftiehem il-kuntratt ta impieg ma iben l-attur. Dan l-istess ftehim, kif ukoll l-istess karta li fuqgha gie miktub, ma jghamel ebda riferenza ghall xi socjeta' li fil-fatt kienet qed tinnegozja jew topera taht l-isem NSTS kif jallega Reno Zammit.

Izda kien jispetta lill-istess attur illi jipprova li NSTS hija fil-fatt fondazzjoni li ghanda personalita' guridika taghha separata u distinta minn dik ta dawk li jmexxuha jew li Francis Stivala, li kien ippresenta ruhhu bhala 'managing director' kien fil-fatt qed jidher personalment u mhux ghall-NSTS jew xi socjeta'.

L-attur izda ma gabx provi f'dan ir-rigward. Pero' l-partijiet lanqas ma jidhru li qed jikkontestaw dak li allega Reno Zammit li NSTS hija brand name u li c-cekkijiet

ikunu ntestati NSTS Falcon Tours Limited. Ghalhekk wiehed ghandhu logikament jassumi li, fil-fatt, nonostante in-nuqqasijiet serji riskontrati fil-'letterheads' tal-kjamati fil-kawza u fil-kuntratt ta mpieg in kwistjoni (Dok NP3 a fol. 19) li ma jindikax l-isem ta min qieghed jimpiega, il-ftehim u r-responsabilita' ghall-kwistjonijiet naxxenti minnhu huma tal-kjamati fil-kawza.

Ghaldaqstant tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u tordna li, stante n-nuqqasijiet hawn fuq indikati, tordna li l-ispejjes tieghu ikunu a kariku tal-kjamati fil-kawza "Falcon Tours Limited".

Ghal dak li jirrigwarda il-meritu, il-kjamati fil-kawza, jammettu illi huma ghandhom jirrifondu lill-attur is-somma ta LM53.50 ghax-xoghol normali li hadem Malcom Pace bejn l-24 u t-30 ta Gunju 1998, is-somma ta LM42.80 li giet imnaqqsa ghall granet ta sick leave li utilizza l-istess Pace u li ghalihom kien izda intitolat, is-somma ta LM40.14 ghal tnaqqis indebitu ghal kontribuzzjonijiet ta National Insurance mhux dovuti u s-somma ta LM44 ghal granet ta 'leave' mhux utilizzati minn Pace: total ta **LM180.44.**

Il-kontestazzjoni giet ghalhekk limitata ghall-kwistjoni dwar jekk Malcolm Pace kien hadem kull jum, komprizi il-granet tas-Sibt, il-Hadd u l-Festi, disa' sieghat u nofs kull jum, biex kien intitolat ghall-hlas ta 'overtime' bir-rati stabbiliti.

Lanqas ma tirrizulta kontestazzjoni dwar ir-rati applikabbli ghall-xoghol 'overtime' u fil-festi. Il-kjamati fil-kawza jikkontestaw l-allegazzjoni tal-attur li ibnu hadem oltre l-40 siegha fil-gimgha fuq perijodu ta sitt tijiem kif pattwit fil-kuntratt.

Biex isosstni dak li qed jallega, l-attur ippresenta prospett dettaljat tal-granet kollha li fihom ibnu kien impjegat bis-sieghat ta xoghol li allegatament kien hadem kull jum.

Minn dan jirrizulta li l-attur isosstni li ibnu kien kostrett jahdem siegha u nofs 'overtime' kull jum tal-gimgha, kompriz is-Sibt u li jahdem disa sieghat u nofs fil-Hdud u l-festi indikati.

Minn-naha l-ohra, il-kjamati fil-kawza, jinnegaw li Pace kien jahdem 'overtime' izda jammettu (v. deposizzjoni ta Martin Mizzi a fol. 23) li seta gie kostrett li jahdem fil-Hdud u l-festi. Inoltre jsosstnu li ghalkemm Pace gieli baqa fuq il-"beach" wara l-hinijiet tax-xoghol dan kien jghamlu minn rajh u mhux biex jahdem izda biex jiddeverti fil-parties organizzati minnhom.

Biex jasal ghall-prova minnhu rikjesta l-attur ipproduca bhala xhieda lil Rene Rossignaud u Jonathon Borg, li kienu jahdmu ma ibnu fil-perijodu in kwistjoni, izda dawn ma kienux bizzejjed specifici fid-deposizzjoni taghhom u setghu jghatu biss kwadru generali. Inoltre Rossignaud jammetti li kien avzat li ma kienx ser jithallas ghal 'overtime' u xorta kien jibqa wara l-hin.  Dan huwa indikattiv li seta kien hemm xi attrazzjoni ulterjuri fuq il-Beach billi t-theddida ta tkeccija mill-impieg ghar-raguni ingusta u bi ksur ta kuntratt mhiex raguni sufficjenti.

Ghalhekk wara li rat ukoll it-'Time sheets'relattivissib li l-attur ma wasalx ghall-prova sufficjenti dwar xoghol 'overtime' matul il-gimgha. Izda l-istess time sheets jipprovaw illi Malcolm Pace kien qed jahdem iktar mill-erbghin siegha stipulati fil-gimgha billi kien qed jahdem ukoll tmin sieghat fil-Hdud u fil-festi.

Jirrzulta li hadem fil-5, 19 u 26 ta Lulju u fid-9, 15, 16, 23 u 30 ta Awissu 1998 u ta dawn is-sieghat ghal 9 tijiem irid jigi kkumpensat b'rata doppja ammontanti ghal kwazi LM20 kull jum. Ghalhekk ghal dawn il-granet l-attur huwa intitolat ghal somma komplessiva ta **LM177.12.**

Ghaldaqstant issib illi l-attur ghadhu kreditur tal-kjamati fil-kawza ghar-ragunijiet indikati fl-avviz fis-somma komplessiva ta **LM357.56 (**tlett mija  sebgha u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) u tilqa t-talba tieghu limitatament ghal din is-somma u konsegwentement tikkundanna lill-kjamati fil-kawza sabiex ihallsu din is-somma lill-attur, bl-imghax legali mis-6 ta Awissu 1999.

Bl-ispejjes  jithallsu in kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-kjamati fil-kawza bl-ispejjes tal-konvenut a kariku tal-kjamati fil-kawza.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29